MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 497/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Caruana)
**Vs**
**Karl Stivala**
**Jack Allen Walker**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija Karl Stivala ta` 16 il-sena bin Emanuel u Pauline nee' Muscat, imwieled Pieta fil-25 ta` Ottubru 1985, li joqghod Shanti Nivas, Triq l-Imghazel, Swieqi, detentur tal-karta ta` l-Identita 540985M

U John Allen Walker ta` 16 il-sena bin Micheal u Josephine nee' Bonello, imwieled Swieqi nhar is-26 ta`

Gunju 1985, u li joqghod Touch of Gold, Triq l-Uqija, Swieqi, detentur tal-karta tal-Identita 392885M.

Talli f`Pembroke fil-lejl ta` bejn id-9 u l-10 ta` Jannar 2002 ikkommettew serq ta` kompjuters, somma flus u xi affarijiet ohra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin u li sar ghad-detriment tal-propjetarji tas-St.Michael Foundation School.

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500) u li dan sar ghad-detriment tal-propjetarji tas-St.Michael Foundation School.

Talli fil-15 ta` Marzu 2002, u matul ix-xhur ta` qabel din id-data, f'Malta xjentament laqghaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentament b`kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Lill-Karl Stivala wahdu talli fis-Swieqi fit-30 ta` Jannar ikkommetta serq ta` senter tal-marka Winchester liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-lok u li sar ghad-detriment ta` Lewis Vella.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f`dawn il-Gzejjer zamm u/jew garr jew kellu fil-pusess tieghu l-istess arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1), (1A) tal-kap 66 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom.

Issibhom hatja kif gej imma mhux ta` l-akkuza ta` riccettazzjoni.

Rat fil-konfront ta` Karl Stivala l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325 (b) tal-kap 9, 3 (1) (1A) tal-kap 69.

Rat fil-konfront ta` Jack Allen Walker l-Artikoli 261, 263, 267, 270 u 325 tal-kap 9.

Rat ukoll fil-konfront taz-zewg akkuzati l-Artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta nadifa ta` l-akkuzati.

Ghalhekk waqt li ssibhom hatja tilliberhom taht il-provedimenti ta` l-artikolu 9 tal-kap 152 tal-ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin (3) m`illum u tqeghdhom that is-sorveljanza ta` Marietta Lanzon li ghandha tipprezenta rapport dwar kif tkun sejra l-imgieba tal-hatja fi zmien sitt (6) xhur m`illum jew f`perjodu itwal jekk hekk jidhrilha minhabba pressjoni ta` xoghol.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

---------------------------------TMIEM---------------------------------